MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Numru. 117/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Wesly Zammit bin Joseph David u Caroline nee' Pace, imwieled fil-21 ta' Dicembru, 1986 u residenti Vista Terrace,**
**Triq l-Isbruna, San Pawl il-Bahar, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 21287(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Wesly Zammit li gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar, 2009, ghal habta ta' 00:15hrs fi sqaq bejn il-Pjazzetta u Triq Dicembru Tlettax, Nadur, Ghawdex waqt il-karnival spontanju:

1) Offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;
2) Iddepozita awrina f'post puibbliku;
3) B'gesti, jew le, jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta' Malta, inkella offenda r-religjon Religjon Kattolika Apostolika billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsograta jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon;
4) Ukoll talli minghajr permess jew kontra l-projbizzjoni ta' l-awtorita' kompetenti, libes abiti sagri (soru);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputat kien qieghed jiddepozita l-awrina f'post pubbliku u ghalhekk meta ghamel dan il-gest offenda l-morali u d-dicenza pubblika u ghalhekk l-ewwel zewg akkuzi jirrizultaw ippruvati. Illi ghar-rigward tat-tielet (3) u r-raba (4) akkuzi jidher illi l-imputat gie akkuzat taht dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Ligi peress illi fil-karnival kien liebes allegatament abiti sagri;

Mid-dokument 'A' esebit fl-atti u kif ukoll mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Pulizija jirrizulta illi l-imputat kien liebes libsa sewda b'fardal u maktur fuq rasu iswed b'faxx abjad. Dana certament ma jammonta ghall-ebda abiti sagri kif jilbsu s-sorijiet tar-Religjon Kattolika. Dan ifisser ghalhekk illi fl-ebda hin ma jista' jinghad illi l-imputat kien qieghed ikasbar ir-Religjon Kattolika stante illi ma rrizultax illi huwa kien b'xi mod qed joffendi dina r-religjon jew inkella li kien

liebes Salib jew Kurcifiss illi jindika illi dan kien il-messagg li ried jaghti;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (bb), Reg 5, 10 u Skeda I Reg 4 (e) tal-Avviz Legali 344 tal-2005, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi, issibu hati tal-ewwel (1) u tieni (2) akkuzi u tikkundannah ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) fuq l-ewwel (1) akkuza u ammenda ta' hamsin ewro (€50) fuq it-tieni (2) akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------